MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 28/2002/1

**E.C. Holdings Limited**

**VS**

**Soap & Sponge Limited**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti tikri lill-intimata l-fond fl-indirizz 137, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u dan bil-kera ta' LM 84 fix-xahar u dan ghal skop ta' showroom.

Illi l-intimata m'ghadhiex topera u lanqas m'ghandha taghmel uzu mill-fond hawn fuq indikat.

Illi tali non uzu, jikkostitwixxi bidla fid-destinazzjoni tal-fond skond il-ligi u ghalhekk, ksur tal-ftehim tal-kera ta' tali fond.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata jawtorizzha tirriprendi l-fond 137, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Ra li fis-seduta ta' llum deher rapprezentant tas-socjeta rikorrenti mghejjun mill-avukat tieghu.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata fit-12 ta' Gunju 2002 la pprezentat risposta u lanqas dehret ghas-seduta ta' llum.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa t-talba u jawtorizza lis-socjeta rikorrenti terga tiehu f'idejha l-fond 137, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ghall-ghan tat-tkeccija jaghti xahar zmien mil-lum; l-ispejjez jithallsu mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------